



Brussell, 9 ta' Marzu 2018  
(OR. en)

6932/18

**Fajl Interistituzzjonali:  
2016/0399 (COD)**

**LIMITE**

**INST 96  
JUR 109  
CODEC 343  
JUSTCIV 55**

**NOTA PUNT "I/A"**

|                 |                                                                                                                                                                                                                                                                                        |
|-----------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:           | Presidenza                                                                                                                                                                                                                                                                             |
| lil:            | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                |
| Nru. dok. preċ. | ST 5705/17; ST 5705/17 ADD 1                                                                                                                                                                                                                                                           |
| Nru dok. Cion:  | COM(2016) 798 FINAL                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| Suġġett:        | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti legali fil-qasam tal-Ġustizzja li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea<br>- Approċċ ġenerali parzjali |

1. Fl-14 ta' Diċembru 2016 il-Kummissjoni adottat Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti legali fil-qasam tal-Ġustizzja li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea - COM(2016) 798 final<sup>1</sup>.

<sup>1</sup> Fl-istess jum il-Kummissjoni adottat ukoll Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti ġuridiċi li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea - COM(2016) 799 final, li l-verżjoni sussegwentement ikkoreġuta tagħha tinsab f'COM(2016) 799 final/2. Nota punt I/A għall-finijiet li jinkiseb approċċ ġenerali parzjali fir-rigward ta' dik il-proposta hija ppreżentata b'mod parallel bħala ST 6933/18.

2. L-eżami tal-proposta ġie assenjat lill-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza ("Adattament tal-RPS") apposta skont mandat, approvat mill-Coreper<sup>2</sup>.

3. Fil-25 ta' Jannar 2018 u fis-26 ta' Frar 2018, il-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza kellu żewġ laqgħat li fihom lesta l-eżami tal-proposta. L-eżami inkluda l-istadji li ġejjin: diskussjonijiet fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma, l-abbozzar mill-ġdid tal-proposta mill-Presidenza wara l-eżitu tad-diskussjonijiet u, fl-aħħar, approvazzjoni proviżorja tal-abbozzar mill-ġdid fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma. B'riżultat ta' dan, ġie stabbilit test li jirrifletti l-appoġġ ta' delegazzjonijiet fil-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza.

4. L-Anness għal din in-nota jinkludi l-proposta abbozzata mill-ġdid tal-Kummissjoni (preambolu, termini normattivi u l-Anness 1 għall-proposta). Fir-rigward tal-immarkar użat, il-bidliet kollha li jikkonsistu minn test ġdid imdaħħal fil-proposta tal-Kummissjoni huma mmarkati b'**tipa grassa** u l-bidliet kollha li jikkonsistu minn tħassir tat-test tal-proposta tal-Kummissjoni huma ppreżentati b' [...].

Rigward l-Atti 1 u 3, il-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza qabel li jipposponi d-diskussjonijiet. Dawk l-atti huma ppreżentat bin-numru tagħhom fl-Anness 1 għall-proposta tal-Kummissjoni, segwiti mit-titolu tagħhom u t-test emendatorju propost imdawwar b' [...]. Dawn ser ikunu soġġetti għal diskussjoni fil-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza aktar tard skont l-evoluzzjoni tal-proposti tal-Kummissjoni li ġejjin. Konsegwentement, l-atti 1 u 3 mill-Anness 1 għall-proposta tal-Kummissjoni, li d-diskussjonijiet dwarhom ġew posposti, mhumiex koperti minn dan l-approċċ ġenerali parzjali u ser jinġiebu għall-attenzjoni tal-Coreper u tal-Kunsill fi stadju aktar tard.

5. Ir-Renju Unit u l-Irlanda nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tar-Regolament propost f'konformità mal-Artikolu 3 l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

---

<sup>2</sup> ST 5707/17.

6. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament propost u mhux ser tkun marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

7. Ir-Regolament propost huwa soġġett għal proċedura leġislattiva ordinarja. Fis-7 ta' Frar 2018 il-Parlament Ewropew approva d-deċiżjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali biex jinbdew it-trilogi dwar il-proposta.

8. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Presidenza tixtieq tressaq il-proposta, kif tidher fl-Anness għal din in-nota, lill-Coreper u l-Kunsill sabiex tikseb approċċ ġenerali parzjali biex tidħol fi trilogi.

2016/0399 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jadatta għadd ta' atti legali fil-qasam tal-Ġustizzja li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv ġie trażmess lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) It-Trattat ta' Lisbona introduċa distinzjoni bejn is-setgħat delegati lill-Kummissjoni biex tadotta atti mhux leġislattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġislattiv (atti delegati), u s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta atti biex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti (atti ta' implimentazzjoni).

- (2) Il-miżuri li jistgħu jkunu koperti minn [...] **għoti** ta' kompetenzi, kif imsemmi fl-Artikolu 290(1) **jew fl-Artikolu 291(2)** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jikkorrispondu [...] ma' dawk koperti mill-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita mill-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.<sup>3</sup>
- (3) Proposti preċedenti relatati mal-allinjament tal-leġiżlazzjoni li ssemmi l-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Lisbona<sup>4</sup> ġew irtirati<sup>5</sup> minħabba l-istaġnar tan-negozjati interistituzzjonali.
- (4) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni sussegwentement qablu dwar qafas ġdid għal atti delegati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016<sup>6</sup> u għarfu l-bżonn ta' allinjament tal-leġiżlazzjoni eżistenti kollha mal-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Lisbona. B'mod partikolari, qablu dwar il-bżonn li tingħata prijorità għolja għall-allinjament fil-pront tal-atti bażiċi kollha li għadhom jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tħejji proposta għal dak l-allinjament sa tmiem l-2016.
- (5) L-awtorizzazzjonijiet fl-atti bażiċi li jstipulaw l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju jissodisfaw il-kriterji fl-Artikolu 290 tat-TFUE u jenħtieġ li jiġu adottati għal dik id-dispożizzjoni.
- (6) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwax il-proċeduri pendenti li l-kumitat diġà ta l-opinjoni tiegħu dwarhom skont l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

---

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23).

<sup>4</sup> COM(2013) 451 final, COM(2013) 452 final u COM(2013) 751 final.

<sup>5</sup> (2015/C 80/08), ĠU C 80 tas-7.02.2015, p. 17.

<sup>6</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (7) F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda innotifikaw x-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (8) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (9) Jenħtieġ li għalhekk l-atti kkonċernati jiġu emendati skont dan.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-atti elenkati fl-Anness huma emendati kif stabbilit fihom.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-proċeduri pendenti li kumitat ikun diġà ta l-opinjoni tiegħu dwarhom skont l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.  
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## ANNESS

### **1. [Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qradi tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali<sup>7</sup>**

Sabiex jiġi aġġornat ir-Regolament (KE) Nru 1206/2001, jenħtiegħ li s-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat tiġi delegata lill-Kummissjoni biex jiġi emendat l-Anness ta' dak ir-Regolament sabiex jiġu aġġornati l-formoli standard jew sabiex isiru bidliet tekniċi. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni uguali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri u l-esperti tagħhom ikollhom b'mod sistematiku aċċess għal-laqgħat tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni li jkunu involuti fit-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1206/2001 jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 19 jiġi emendat kif ġej:

(a) it-titolu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Manwal";

(b) jiġi jitħassar il-paragrafu 2;

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 19a u 19b li ġejjin:

---

<sup>7</sup> ĠU L 174, 27.6.2001, p. 1.



*"Artikolu 19a*  
**Atti delegati**

Il-Kummissjoni għandha s-setgħat li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19b li jemenda l-Anness sabiex taġġorna l-formoli standard jew sabiex tagħmel bidliet tekniċi għal dawn il-formoli.";

*"Artikolu 19b*  
**L-eżerċitar tad-delega**

1. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li jiġu adottat atti delegati li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 19a għandha tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
3. Id-delega ta' setgħa li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 19a tista' tiġi rrevokata f'kull żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija tidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ.
4. Qabel tadotta xi att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membri f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016\*.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 19a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn wara n-notifikazzjoni ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jizzied b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

\* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(3) Jitħassar l-Artikolu 20.]

**2. Ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati<sup>8</sup>**

Sabiex jiġi aġġornat ir-Regolament (KE) Nru 805/2004, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat tiġi delegata lill-Kummissjoni biex jiġu emendati l-Annessi ta' dak ir-Regolament sabiex jiġu aġġornati l-formoli standard. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali **tat-13 ta' April 2016** dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet [...]. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata l-parteciġazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri u l-esperti tagħhom ikollhom b'mod sistematiku aċċess għal-laqqha tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni li jkunu involuti fit-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 jiġi emendat kif ġej:

---

<sup>8</sup> ĠU L 143, 30.4.2004, p. 15.

(1) l-Artikolu 31 jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 31*

### **Emendi għall-Annessi**

Il-Kummissjoni għandha s-setgħat li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31a biex temenda l-Annessi sabiex jiġu aġġornati l-formoli standard.";

(2) jiddaħħal l-Artikoli 31a li ġej:

*"Artikolu 31a*

### **L-eżerċitar tad-delega**

1. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li jiġu adottat atti delegati li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 31 għandha tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni **għal perjodu ta' ħames snin** [...] minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. **Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport b'rabta mad-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi tal-istess durata, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.**
3. Id-delega ta' setgħa li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 31 tista' tiġi rrevokata f'kull żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija tidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ.

4. Qabel tadotta xi att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membri f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali **tat-13 ta' April 2016** dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet [...]\*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 31 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn wara n-notifikazzjoni ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiżdied b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

\* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(3) Jitħassar l-Artikolu 32.

**3. [Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000<sup>9</sup>**

Sabiex jiġi aġġornat ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat tiġi delegata lill-Kummissjoni biex jiġu emendati l-Anness I u II ta' dak ir-Regolament sabiex jiġu aġġornati l-formoli standard jew sabiex isiru bidliet tekniċi. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni uguali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri u l-esperti tagħhom ikollhom b'mod sistematiku aċċess għal-laqgħat tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni li jkunu involuti fit-tħejjija ta' atti delegati.

Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 jiġi emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 17 jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

---

<sup>9</sup>- ĠU L 324, 10.12. 2007, p. 79.

*"Artikolu 17*

**Emendi għall-Annessi**

Il-Kummissjoni għandha s-setgħat li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17a biex temenda l-Annessi I u II sabiex taġġorna l-formoli standard jew sabiex tagħmel bidliet tekniċi għal dawn il-formoli.";

(2) jiddaħħal l-Artikoli 17a li ġej:

*"Artikolu 17a*

**L-eżerċitar tad-delega**

1. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li jiġu adottat atti delegati li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 17 għandha tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
3. Id-delega ta' setgħa li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 17 tista' tiġi rrevokata f'kull żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija tidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ.

4. Qabel tadotta xi att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membri f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016\*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 17 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn wara n-notifikazzjoni ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiżdied b'xahrejn fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

\* ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.";

(3) Jitħassar l-Artikolu 18.]